**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum il-Gimgha, 15 ta' Jannar 2021**

**Rikors Guramentat Nru 46/2018**

**First Gozo Limited**

**-vs-**

**John u Josephine konjugi Cordina u Odette Grech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-socjeta' First Gozo Limited fejn id-direttur taghha Ted Mizzi bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tal-fond numru sebgha u sebghin (77) Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex (Dok. A) waqt li l-fond adjacenti li jigi fuq in-naha tat-tramuntana tieghu kien originarjament jappartjeni lill-intimati John u Josephine konjugi Cordina, u sussegwentement gie trasferit minnhom lill-intimata l-ohra Odette Grech.

2. Illi l-intimati John u Josephine Cordina, u sussegwentement ukoll Odette Grech, qanqlu pretensjonijiet dwar parti mill-gardina appartenenti lill-attrici li ghandha kejl ta' erba' kejliet u anke ppretendew li kellhom jaccedu ghal din ir-raba' minn gewwa l-fond proprjeta' tar-rikorrenti, u sussegwenti ghal dan saru diversi proceduri fil-Qorti rigward il-pussess u t-titlu ta' tali gardina u passagg relattiv.

3. Illi dawn il-pretensjonijiet u/jew proceduri saru vessatorjament u ntuliment u bl-iskop biss li jfixklu t-tgawdija tal-fond tal-esponenti u trasferiment tal-istess fond.

4. Illi minhabba dawn il-pretensjonijiet ta'l-intimati, u wara li saru proceduri ta' spoll fil-konfront tal-esponenti permezz tal-kawza fl-ismijiet John Cordina et vs Dolores Mifsud et bin-numru tletin zbarra elf disa' mija u sebgha u disghin (30/1997) (Dok B. u Dok C.), is-socjeta' rikorrenti giet kostretta tghaddi kopja tac-cavetta tal-fond taghha lill-intimati, bil-konsegwenza li l-fond taghha gie bazikament rez bhala fond mhux utilizzabbli, stante li l-intimati setghu jidhlu fih meta riedu huma minghajr restrizzjonijiet.

5. Illi permezz ta' proceduri fil-petitorju u partikolarment bid-decizjoni tal-kawza fl-ismijiet "First Gozo Ltd vs John Cordina et", bin-numru tnejn u tletin zbarra zero tmienja (32/08) deciza mill-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex, Guridizzjoni Superjuri, fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April elfejn u tlettax (2013) (Dok D), kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, b'decizjoni moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) (Dok. E), gie finalment dikjarat li dawn *"l-erba' kejliet raba' pretizi mill-istess konvenuti fil-parti ta' gewwa tal-proprjeta' fuq deskritta bl-indirizz sebgha u sebghin (77) Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex, b'art annessa mieghu, tifforma parti ntegrali mill-proprjeta' akkwistata mill-istess socjeta' attrici u hija ta' proprjeta' esklussiva tas-socjeta' attrici".*

6. Illi sussegwentement u in vista ghal din id-decizjoni, ic-cavetta tal-fond giet ritornata lill-esponenti.

7. Illi invista ghal din id-decizjoni tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018), il-kawza fl-ismijiet First Gozo Limited vs John Cordina et, bin-numru sebghin zbarra elfejn u sebgha (70/2007) giet ceduta u gie dikjarat li l-konvenuti odjerni ma humiex qeghdin jippretendu l-ebda forma ta' access minn fuq il-proprjeta' esklussivament tal-attrici" (Dok. F.).

8. Illi konsegwenza tal-pretensjonijiet tal-intimati, u sakemm giet moghtija d-decizjoni fil-petitorju fuq imsemmija b'mod finali, is-socjeta' rikorrenti giet ghall-ammont ta' snin imcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta' taghha, minghajr xkiel jew indhil da parti tal-intimati, hekk kif kellha kull dritt li taghmel.

9. Illi ghaldaqstant hija sofriet danni konsiderevoli, u dana kif se jigi dettaljatament ippruvat fil-kawza ghal-liema danni ghandhom iwiegbu l-intimati.

10. Illi s-socjeta' rikorrenti nterpellat lill-intimati sabiex ihalsu dawn id-danni, inkluz permezz ta' ittra ufficjali numru tnejn u sebghin zbarra elfejn u tmintax (72/2018) ipprezentata fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dok. G), izda dawn baqghu nadempjenti.

11. Illi ghalhekk l-esponenti kellha tipprocedi b'din il-kawza.

12. Illi dawn il-fatti qed jigu dikjarati minn Ted Mizzi, direttur tas-socjeta' rikorrenti, li ghandu konoxxenza proprja taghhom.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli lejn ir-rikorrenti ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnha minhabba l-pretensjonijiet fuq imsemmija.

2. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mis-socjeta' rikorrenti.

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jhalsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat u ddikjarat bhala dovut flimkien mal-imghax fuq l-istess ammont skont il-ligi mid-data tal-ittra ufficjali numru sad-data tal-hlas effettiv lis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittri ufficjali numri 72/2018 kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuti fejn eccepew u John Cordina kkonferma bil-gurament tieghu:

1. Illi d-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici;

2. Illi fl-ewwel lok, ma huwa minnu xejn li "il-pretensjonijiet u/jew proceduri [da parti tal-esponenti] saru vessatorjament u nutilment u bl-iskop biss li jfixklu t-tgawdija tal-fond" ta' l-attrici jew it-trasferiment tal-fond mill-istess attrici. Tant huwa hekk li l-kawza pprezentata mill-konjugi Cordina wahedhom u li fihom Odette Grech ma ppartecipat qatt u b'ebda mod wasslet ghall-ezitu favorevoli ghall-istess konjugi Cordina kif jirrizulta mis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-18 ta' Marzu 2004 u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Aprl 2007;

3. Illi fit-tieni lok, in segwitu ghal dik is-sentenza, Odette Grech ma akkwistat l-ebda pussess u bhala fatt qatt ma ezercitat xi pussess fuq il-passagg de quo, u ghalhekk qatt ma fixklet b'xi mod lill-attrici fil-pussess ta' hwejjigha, bil-konsegwenza li, fil-konfront taghha, din il-kawza giet ipprezentata biss b'mod frivolu u vessatorju.

4. Fit-tielet lok, l-esponenti kollha agixxew b'korrettezza u b'lejalta' lejn il-kontroparti kemm fil-proceduri ntentati minnhom bhala atturi u kif ukoll fil-proceduri ntentanti mill-attrici odjerna, minghajr qatt ma ppruvaw itawwlu nutilment il-proceduri jew ikunu traskurati jew zleali f'dawk il-procedimenti. Huma ppruvaw biss jottjenu rikonoxximent gudizzjarju ta' pretensjoni li huma kienu, u ghadhom, konvinti li kienet iggustifikata. Il-fatt biss li huma ma mexxewx fil-kawza petitorja ma jista' qatt jirrendi lill-esponenti passibbli ghad-danni meta, bhal fil-kaz odjern, huma agixxew in ottima fede.

5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pussess li fih il-konjugi Cordina gew reintegrati bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq iccitata kien biss fir-rigward ta' passagg li mill-entrata komuni kien jaghti ghar-raba in kontestazzjoni. Huma qatt ma ppretendew, u qatt ma ezercitaw xi pussess fuq xi parti ohra mill-proprjeta' ta' l-attrici, u lanqas qatt ma ppruvaw li jfixklu lill-attrici mit-tgawdija ta' hwejjigha b'kull mod li dehrilha opportun; u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-attrici "giet ghall-ammont ta' snin imcahhad mit-tgawdija tal-proprjeta' taghha";

6. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, minn dak li jafu l-esponenti, l-attrici abbandunat il-proprjeta' taghha kompletament ghal matul il-perijodu kollu li matulu damu sejrin il-proceduri, u ghalhekk ma huwiex moghti d-dritt lilha li issa tipprova tlum lill-esponenti ghall-konsegwenzi ta' dan l-abbandun da parti taghha. F'dan ir-rigward, anki jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, l-esponenti jistghu b'xi mod jitqiesu li huma passibbli ghal xi danni fil-konfront tal-attrici, ghandu japplika l-principju li huwa d-dmir tal-allegat kreditur li jimminizza d-danni, u li jekk ma jaghmilx dan, japplika l-principju l-iehor *imputat se ipse*.

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, kull pretensjoni ghal rizarciment ta' danni li trrisali ghall-iktar minn sentejn qabel il-prezentata tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 2018, hija llum kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn fit-termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

8. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz id-dokumenti esebiti.

Rat illi fis-06 ta' Marzu, 2020 sar access fuq il-post.

Rat illi ma l-eghluq ta' l-access il-partijiet iddikjaraw illi l-kawza tista tiegi differita ghas-sentenza u l-partijiet inghataw il-fakolta illi jaghmlu n-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi hadd mill-partijiet ma pprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Settembru, 2020.

**Provi.**

**Ix-xhieda**

Ted Mizzi fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' attrici "First Gozo the Real Estate Company Limited" fl-affidavit tieghu[1] jghid illi s-socjeta' attrici hija l-proprjetarja ta' *farmhouse* bl-isem Tarhuna Farmhouse, 77, Triq Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex. Ma' din il-proprjeta' hemm gardina li ghandha hitan tas-sejjieh u l-kejl ta' din il-gardina huwa ta' tliett sieghan u nofs.

Jghid illi adjacenti ma' dan il-fond, fuq it-tramuntana hemm il-fond tal-konvenuti. Fil-11 ta Awissu, 1995 is-socjeta' attrici ghamlet konvenju sabiex takkwista l-ishma kollha li kien hemm fuq din il-farmhouse, hlief ghal sehem Emanuel Bartolo.

---

[1] A fol 97 tal-process

Fl-1996, imbaghad, huwa kien avvicinat mill-konvenuti li allegaw li huma kienu l-proprjetarji ta' erba' kejliet mill-gardina li kien hemm ma din il-*farmhouse*. Ikompli li huwa talabhom jaghtuh id-dokumenti li kellhom li jippruvaw illi huma kienu s-sidien ta' l-art li kienu identifikaw bhala taghhom izda dawn id-dokumenti qatt ma waslu. Jghid ukoll illi huwa stess kien avvicina lis-sidien li kien qed jixtri minn ghandhom il-farmhouse u Dolores Mifsud accertatu li dak li kienu qed jghidu l-konvenuti ma kienx minnu.

Jghid illi minkejja li l-konvenuti ma kellhomx dokumenti x'juru bdew jaghmlulu hafna ostakoli. Il-konvenuti pprezentaw kawza ta' spoll u kawza ta manutenzjoni. Kien ukoll gie pprezentat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Il-kumpanija attrici akkwistat il-famhouse fit-13 ta' Jannar, 2000. Jghid illi l-konvenuti baqghu ghaddejjin bil-pretensjonijiet taghhom tant illi anke ppretendew illi jghaddu mill-proprjeta akkwistata mis-socjeta' attrici sabiex jaccedu fuq ir-raba li kienu qed jallegaw li kien taghhom.

Billi l-kawza ta' spoll intrebhet mill-konvenuti[2] is-socjeta' attrici kienet kostretta li tghaddi c-cavetta lill-konvenuti. Jghid illi b'din id-decizjoni l-fond akkwistat gie rez inabitabbli ghax il-konvenuti kellhom id-dritt illi jibqghu dehlin minn go fih sabiex imorru fir-raba allegatament taghhom. Dan il-fatt wassal sabiex il-kumpanija attrici ma setghetx tikri l-fond in kwestjoni.

[2] Giet anke ikkonfermata fl-Appell

Ikompli jghid li fl-2008 imbaghad, is-socjeta' attrici bdiet kawza fil-petitorju sabiex jigi deciz illi l-erba' kejliet li kienu qed jippretendu bhala taghhom il-konvenuti, jigu dikjarati li jappartjenu lilha. Is-sentenza ta' l-ewwel qorti nghatat fl-2013 u l-Appell gie deciz fl-2018.

Billi l-Appell kien deciz favur is-socjeta' attrici i-cavetta giet ritornata lura. Jghid illi kien hemm kawza ohra li kienet kawza negatorja li giet istitwita mis-socjeta' attrici kontra l-konvenuti. Din il-kawza giet istitwita fl-2007 pero' kienet ceduta wara li l-konvenuti ddikjaraw li huma kienux qed jippretendu xi dritt ta' access minn fuq il-proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Ted Mizzi jkompli li sa minn dak inhar illi giet deciza l-kawza ta spoll u cioe' 13 ta' April, 2007, is-socjeta' attrici ma setghetx taghmel uzu mill-fond u batiet danni kbar.

Jghid illi l-iskop tas-socjeta' attrici kien illi tikri dan il-fond lit-turisti. Infatti kienet inharget il-licenzja mill-MTA liema licenzja kienet tispecifika illi fil-fond setghu jorqdu ghaxar min-nies. Izda billi c-cwievet imbaghad ghaddew ghand il-konvenuti is-socjeta' attrici ma baqghetx thallas il-licenzja ghax skont hi zgur li ma kenitx ser jirnexxielha tikriha. Minhabba f'hekk dan ix-xhud ikompli jghid li s-socjeta' attrici tilfet hdax-il sena uzu mill-post partikolarment is-sjuf u l-festi bhall-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Rigward telf ta' flus jghid illi d-dar kienet tinkera mitejn, tlieta u tletin ewro (€233) kull lejl fix-xhur ta' Lulju u Awissu. Ghal kumplament tas-sena imbaghad id-dar kienet tinkera ghal mija wiehed u hamsin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€151.45). Meta d-domanda ma kenitx tkun gholja l-kirja

kull lejl kienet tkun ta' mija u erba' ewro u hamsa u tmenin centezmu (€104.85). Jghid illi l-kumpanija attici kienet iddahhal madwar ghoxrin elf ewro fis-sena (€20,000).

Ikompli li malli l-konvenuti nghataw ic-cavetta tal-fond huma kienu jidhlu regolarment fih u kienu jahdmu l-erba' kejliet billi jizirhuhom ful.

Barra minn dan kollu kien hemm ukoll il-mandat ta' inibizzjoni li minhabba li kien ghadu fis-sehh il-kumanija attrici lanqas ma setghet tbiegh il-proprjeta'. Fiz-zmien li sar dan il-mandat il-proprjeta' setghet facilment iggib madwar mija u ghoxrin elf lira Maltija (Lm120,000). Rizultat ta' dan in-nuqqas ta' bejgh, is-socjeta' attrici kellha tiehu diveri loans mill-bank u billi ma kien hemm l-ebda ntrojtu mill-proprjeta' kien hemm ukoll diffkulta kbira sabiex dan is-self jithallas lura.

Ted Mizzi jghid ukoll li problema ohra li nqalghet minhabba l-fatt li l-fond ma kienx qed jintuza hija li l-proprjeta' saritilha l-hsara u hemm diversi oggetti li jridu jigu mibdula. Jghid illi minkejja li l-konvenuti kienu nterpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni naqsu milli jghamlu dan u ghalhekk kien kostrett illi jaghmel il-kawza.

**In kontro ezami**[3] Ted Mizzi jikkonferma illi l-entrata tal-post in kwestjoni hija komuni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti u li ma hemmx access iehor ghall-fond. Jikkonferma illi l-kawza ta' spoll intrebhet mill-konvenuti u hu kellu jghaddilu c-cavetta tal-fond.

---

[33] A fol 381 tal-process, seduta 6 ta' Marzu, 2019

Jghid ukoll li tant hadha bi kbira li kellu jaghti c-cavetta lill-konvenuti li qabbad mastrudaxxa u ghamel passagg bl-injam minn fejn ikunu jistghu jghaddu huma, minn gol-proprjeta' tieghu minghajr ma jkollhom access ghal kullimkien. Jghid billi huma kellhom ic-cavetta tal-fond ma riedx illi jhallilhom il-possibilita' li jidhlu fil-fond u jkollhom access ghall-kmamar kollha. Ried illi jghaddu minn dan il-passagg, li xorta kien fil-proprjeta' tieghu izda kien jimpedixxi lill-konvenuti milli jkollhomm access ghal kullimkien. Jinsisti li l-konvenut seta' facilment jaccedi fir-raba li kien jallega li hu tieghu billi jghaddi mill-gardina li l-konvenut ghandu.

Mistoqsi illi kienet saret offerta mill-konvenuti f'dan is-sens, Ted Mizzi jirrispondi li l-offerta li kienet saret kienet fis-sens li s-socjeta' attrici taghti lill-konvenuti erba' kejliet raba li jkunu jmissu mal-proprjeta' ta l-istess konvenuti bil-patt li l-konvenuti jirrinunzjaw ghas-sehem taghhom ta' nofs l-intrata. Qal li ma jiftakarx li l-konvenuti kienu ssuggerew li l-erba' kejkiet jibqghu fejn huma llum, l-entrata tibqa' taz-zewg partijiet u l-access ghal dawn l-erba kejliet ikun minn gol-gnien.

Jafferma li l-konvenut John Cordina qatt ma talbu li jaghmel l-passagg ta' l-injam li ghamel u qatt ma qallu li huwa ried jghaddi mill-kumplament tad-dar.

Jikkonferma illi l-passagg ta' l-injam jaqsam minn go l-entrata, mill-kcina, living room, jibqa' sejjer fil-bitha hdejn is-swimming pool. Jghid li l-passagg ma setax jaghmlu mod iehor.

Jaqbel li l-mandat t'inibizzjoni kien limitat ghall-mandra u ma kienx jinkludi d-dar in kwestjoni. Jikkonferma li c-cavetta ghaddieha lill-konvenut wara li nqata' l-Appell fil-kawza ta' spoll.

**Il-konvenut John Cordina** ipprezenta l-affidavit tieghu fit-28 ta' Dicembru, 2018[4]. Jghid illi l-post li dwaru kien hemm diversi kawzi bejn il-partijiet huwa partikolari ghax ghandu entrata wahda ghal zewg postijiet. Jikkonferma li d-dizgwid bejn il-partijiet kien fuq mandra li tigi fuq wara tal-proprjeta' tas-socjeta' attrici kif ukoll l-access ghal dik il-mandra. Jghid illi huwa kien akkwista l-proprjeta' minghand missier il-mara tieghu, li min-naha tieghu kien akkwista minghand Guiseppe u Angela Portelli, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa. Jghid illi l-access ghal din il-mandretta tal-kejl ta' erba' kejliet kien minn fuq il-proprjeta' li kienet intirtet minn Dolores Mifsud u hutha.

Jkompli jghid li l-problemi bdew meta s-socjeta' attrici akkwistat il-fond in kwestjoni u bidlet ic-cavetta tal-bieb tal-fond. Minhabba f'hekk jghid illi kellu jiftah il-kawza ta' spoll liema kawza get deciza favur tieghu u kienet anke giet ikkonfermata fl-Appell. Jghid illi qabel ma rebah il-kawza ta' spoll intebah illi s-socjeta' attrici kienet qed taghmel xi xoghol fil-mandretta u ghalhekk intavola kawza ta' spoll ohra, liema kawza cedieha wara illi huwa rebah l-ewwel kawza ta' spoll. Jghid illi billi ceda l-kawza hu hallas l-ispejjez ta' dik il-kawza hu.

Ikompli li s-socjeta' attrici ghamlet kuridur sabiex huwa jkun jista' jghaddi minnu u jasal ghall-mandretta in kwistjoni. Jghid illi huwa qatt ma kellu interess li jtellef lis-socjeta' attrici mit-tgawdija tal-proprjeta' in kwistjoni. Jishaq illi dan il-kuridur ta' l-injam ghamlu Ted Mizzi minn rajh. Jghid illi

---

[4] A fol 310 tal-process

mis-setah tad-dar abitata minn bintu Odette seta' jinnota illi malli nqatghet il-kawza ta' spoll is-socjeta' attrici abbandunat id-dar u l-gnien ghal kollox.

Jghid ukoll li sadanittant l-istess socjeta' attrici intavolat kawza kontrih, liema kawza ntrebhet mill-attrici kemm fil-Prim Istanza u kemm fl-Appell. Jishaq illi malli nqatghet is-sentenza huwa mill-ewwel hareg mill-mandra u kkonsenja c-cwievet lis-socjeta' attrici u dan minkejja li ma jaqbel xejn mas-sentenza.

Il-konvenut jaghmel referenza wkoll ghall-verbali ta' l-udjenzi li saru u dan b'referenza ghall-fatt illi huwa jishaq illi ma kienx qed ifixkel l-andament tal-kawza. Di fatti jissottolinea li s-socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha fis-6 ta' Jannar, 2009 u huwa ghalaq il-provi tieghu fid-29 ta' Mejju, 2009. Ir-rapport tal-perit tekniku gie pprezentat fis-16 ta' Ottubru, 2009. Gew ipprezentati n-noti fit-terminu stabbilit mill-Qorti u kellha tinghata s-sentenza fil-11 ta' Mejju, 2010. Jishaq illi s-sentenza inghatat tliet snin wara u huwa ma kienx responsabli ghal dan id-dewmien.

Rigward l-Appell mis-sentenza msemmija, jghid li huwa appella ghax kien konvint li kellu bazi sabiex jappella pero' qatt ma ghamel xejn biex jostakola l-process jew itawwal iz-zmien. Ikompli jghid illi l-pretensjonijiet tieghu kienu bbazati fuq kuntratt li kellu tal-1952. Jghid ukoll li kellu diversi xhieda illi sostnew dak li kien qed jishaq fuqu hu u cioe' li l-mandretta kienet tappartjenti lill-awturi fit-titolu tieghu.

Rigward il-mandat t'inibizzjoni nru 121/1999 jghid illi dak il-mandat bl-ebda mod ma kien izomm lis-socjeta' attrici milli tirranga d-dar jew tikriha. Il-

mandat kien limitat fuq l-erba' kejliet illi l-konvenut kien ghadu jsostni li jappartjenu lilu.

Imbaghad rigward l-argument sollevat mill-attrici li l-affarijiet fid-dar gratilhom il-hsara minhabba li ma ntuzawx ghal zmien twil, il-konvenut jikkontendi li huwa ma jahti xejn ghal dan ghax is-socjeta attrici setghet liberament taghmel uzu minn dak kollu li jinsab fid-dar u huwa bl-ebda mod ma mpediha milli taghmel uzu minnhom.

**Odette Grech**, konvenuta f'din il-kawza u li tigi bint il-konjugi Cordina, konvenuti huma wkoll permezz ta' affidavit[5] tiddikjara li hija kienet sorpriza kif is-socjeta' attrici ghamlet kawza kontra taghha. Tghid li ghalkemm mill-kuntratt ta' donazzjoni li sar bejnha u l-genituri taghha jirrizulta li flimkien mal-propjeta kien hemm inkluzi wkoll id-drittijiet litigjuzi konnessi maghha hekk kif jirrizultaw mill-kawza 30/1997, hija qatt ma ppartecipat fihom.

Tghid illi ghalkemm il-kawza nqatghet favur il-genituri taghha hija qatt ma ezercitat xi dritt ta' passagg minn gol-fond in kwestjoni. Tkompli tghid li hija qatt ma talbet ic-cavetta lil hadd u ma ghaddiet l-ebda cavetta lil xi hadd. Tghid li ghalhekk hija ma hix responsabbli ghal ebda danni pretizi mill-attrici.

---

[5] A fol 375 tal-process

**Ikkunsidrat.**

Is-socjeta′ attrici ntavolat kawza kontra l-konvenuti konjugi Cordina u binthom Odette Grech u tablet lill-Qorti sabiex tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni illi subiet wara li hija ma setghetx tikri u taghmel uzu mill-*farmhouse* li kienet akkwistat u dan minhabba l-pretensjoni tal-konvenuti li huma kienu jgawdu dritt ta′ passagg minn gol-proprjeta′ taghha sabiex jaccedu ghall-erba′ kejliet raba li jinsabu fil-gardina ta′ l-istess proprjeta′ u li l-konvenuti kienu jsostnu jappartjenu lilhom. Is-socjeta attrici tikkontendi li wara li l-konvenuti rebhu kawza ta′ spoll li ntavolaw huma stess hija kienet kostretta tghaddilhom ic-cwievet tal-proprjeta′. Dan il-fatt wassal biex il-konvenuti kellhom access ghall-proprjeta′ ta′ l–attrici liema access seta′ jigi ezercitat x′hin u kull meta riedu l-konvenuti. Dan l-access holoq impossibilita′ li s-socjeta′ attrici tikri jew taghmel uzu minn din id-dar.

Minn naha taghhom il-konvenuti laqghu ghat-talbiet ta′ l-attrici billi argumentaw li huma ma agixxewx vessatorjament jew frivolozament, tant li l-kawza ta′ spoll giet deciza favur taghhom. Jghidu li Odette Grech qatt ma ezercitat xi dritt ta′ access u ghalhekk l-involviment taghha da parti tas-socjeta′ attrici huwa frivolu u vessatorju. Jghidu illi huma agixxew bil-konvinzjoni li kellhom ragun huma u l–kontestazzjoni qatt ma kienet fuq il-propjeta izda fuq l-erba′ kejliet raba u l-access ghalihom. Huwa minnu li ppretendew li kellhom dritt ta′ passagg liema passagg kien jghaddi minn god-dar in kwestjoni pero′ qatt ma fixklu lis-socjeta′ attrici fit-tgawdija tal-propjeta. Barra minn hekk a bazi tal-principju *imputat se ipse* kien jinkombi fuq is-socjeta′ attrici li timminimizza d-danni. Jghidu wkoll li kull talba ghal danni li tmur lura ghal aktar minn sentejn mill-ittra ufficjali tas-6 ta′ Frar, 2018 hija preskritta bit-trapass ta′ sentejn u dan ai termini ta′ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ser l-ewwel tqis is-seba′ eccezzjoni sollevati mill-konvenuti fejn qed tecepixxi li l-pretensjoni ta′ l-attrici ghal danni li jirrisalu ghal aktar minn sentejn qabel il-prezentata ta′ l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-6 ta′ Frar, 2018 hija kolpita bil-preskrizzjoni ta′ sentejn u dana ai termini ta′ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Jibda biex jigi registrat illi l-Artikolu 2137 Kodici Civili jipprovdi li :

″**bla hsara ta′ disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta′ azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista′ tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta′ l-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss**″.

Dan ifisser li t-test li trid il-ligi huwa wiehed oggettiv jigifieri dipendenti mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt ta′ l-attur li jagixxi[6]. Dan ifisser li t-terminu ta′ zmien a dispozizzjoni ta′ l-attur sabiex jagixxi jiskatta mat-twelid ta′ l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali[7]. Fil-kaz odjern fejn l-attur qed jivvanta azzjoni ghar-reklam ta′ danni temerarji, id-*dies a quo* ghall-ezercizzju ta′ l-azzjoni ma setax hlief jiddependi mill-finalita′ tal-kawza li permezz taghha s-socjeta′ attrici stess (attrici fil-kawza Numru 32/08) kienet ressqet sabiex tkun ikkonfermata sid il-proprjeta′. Ghalhekk isegwi li la d-dritt ta′ l-attrici odjerna twieled mad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta′ l-Appell, id-dekorriment taz-zmien kellu l-

---

[6] Raphael Micallef vs Anthony Agius, Prim Awla, deciza 6 ta′ Ottubru, 2000.

[7] Joseph Stivala vs Profs. Hoseph Colombo, Prim Awla, Deciza 9 ta′ Jannar, 1953.

bidu tieghu minn dan il-gudizzju finali u ghalhekk mis-26 ta' Jannar, 2018 u ghalhekk is-seba' eccezzjoni tal-konvenuti hija misthoqqa.

Dak stabbilit, il-Qorti issa ser tevalwa t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fejn jecepixxu li Odette Grech qatt ma akkwistat l-ebda pussess u lanqas ezercitat xi pussess fuq il-passagg u ghalhekk il-kawza kontra taghha hija frivola u vessatorja. Mid-dokumenti esebiti in atti jirrizulta li fl-1 ta' Gunju, 2000, il-konvenuti, ittrasferixxew flimkien u in solidum bejniethom, lil binthom Odette permezz ta' donazzjoni rrevokabbli l-fond 77, fi Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex. Dan il-fond huwa deskritt li huwa accessibbli minn entrata komuni ma' terzi persuni. Permezz ta' din id-donazzjoni wkoll il-konvenuti konjugi Cordina ttrasferixxew "…il-mandretta minghajr laqam, ftit distanti mill-istess fond fuq deskritt…."

Barra minn hekk uhud mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-donazzjoni huma li:

*"( c) Il-mandretta fuq deskritta tgawdi d-dritt ta' access mill-entrata komuni bin-numru sebgha u sebghin (77) u minn fuq beni ta' terzi li jigu aktar lejn in-nofs inhar minn din l-entrata.*

*"…..(h) Inkluz f'din id-donazzjoni ghandu jitqies illi hemm id-drittijiet litigjuzi sabiex id-donatarja tkun tista' tkompli, flimkien mad-donanti, il-kawzi u proceduri gudizzjarji ohra kollha ntentati minnhom rigward l-immobbi in donazzjoni u senjatament il-kawzi fl-ismijiet: Cordina John versus Mifsud Dolores et' Citazzjoni numru tletin tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (30/1997), u "Cordina John et versus Mizzi Teddie Et" Citazzjoni numru mitejn u erbgha u ghoxrin tas-sena elf*

*disa' mija disgha u disghin (224/99), it-tnejn pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri."*[8]

Jirrizulta illi l-kawza 30/1997 hija l-kawza ta' spoll li giet deciza favur il-konvenuti fil-Prim Istanza u kkonfermata fl-Appell. Il-kawza 224/1997 hija kawza "*actio manutensionis*" li giet deciza[9] kontra l-atturi, konjugi Cordina, illum konvenuti f'din il-kawza.

Dan ifisser illi d-drittijiet litigjuzi illi gew donati lill-konvenuta l-ohra Odette Grech gew terminati malli l-kawzi li fuqhom kien hemm tali drittijiet ghaddew in gudikat. Madankollu barra mill-fatt li l-mandretta kien taghmel parti mid-donazzjoni fis-sena 2000 minn qari ta' l-*occhio* tal-kawza 30/08 bejn il-partijiet *de quo* jirrizulta li Odette Grech giet imsejha fil-kawza wkoll u din hija l-istess kawza li giet deciza favur is-socjeta' attrici anke fl-istadju ta' l-Appell. In vista ta' dawn il-fatti kollha ghalhekk it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ser tigi michuda.

F'dan l-istadju issa jmiss li din il-Qorti tghaddi sabiex tizen x'qed jintalab mis-socjeta' attrici bl-azzjoni taghha u l-fatti l-aktar rilevanti li jemergu mill-istruttorja tal-kaz. Bir-rikors promotur l-attrici qed tippretendi rizarciment ghad-danni kollha minnha subiti billi rizultat tal-fatt illi hija giet imgielgha taghti c-cavetta tal-fond in kwestjoni lill-konvenuti, u dana wara li l-kawza ta 'spoll giet deciza favur taghhom, hija ma setghetx taghmel uzu mill-fond in kwestjoni.

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

---

[8] A fol 171 tal-process.

[9] Deciza 25 ta' Jannar, 2008

1. Il-konvenuti Cordina ntavolaw kawza ta' spoll kontra l-attrici **fl-1997.** Il-kawza[10] giet deciza favur Cordina fit-**18 ta' Marzu, 2004.** L-attrici appellat u s-sentenza ta' l-Appell inghatat **fit-13 ta' April, 2007[11].** L-Appell ikkonferma s-sentenza tal-Prim Istanza.

2. Fl-**1999** ukoll il-konvenuti fethu kawza ta' spoll ohra kontra l-attrici, ghax din skont huma kienet qed taghmel xoghol fl-erba' kejliet raba li huma kienu jippretendu li kienu taghhom. Fl-**25 ta' Jannar, 2008,** il-Qorti tat sentenza fejn cahdet it-talbiet ta' Cordina ghax ikkonkludiet illi huma ma setghux jipprocedu b'kawza ta' spoll stante li huma ma kellhomx pussess tal-mandretta minhabba l-ewwel spoll.

3. Fl-**1999** il-konvenuti pprezentaw talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta attrici. It-talba tal-konvenuti kienet sabiex l-attrici tinzamm milli taghmel xoghol fil-mandretta in kwistjoni. It-talba ntlaqghet mill-Qorti[12].

4. **Fl-2007** is-socjeta' attrici ntavolat kawza negatorja kontra l-konvenuti fejn tablet lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti ma kienux igawdu servitu ta' passagg minn fuq il-proprjeta' taghha. Din il-kawza giet ceduta fit-**18 ta' April, 2018[13]** wara li l-konvenuti ddikjaraw illi huma ma humiex qed jippretendu ebda dritt ta' access minn fuq il-proprjeta' tas-socjeta' attrici u dana fid-dawl ta' dak deciz permezz tas-sentenza ta' l-Appell tas-26 ta' Jannar, 2018.

5. **Fl-2008** is-socjeta' attrici fethet kawza[14] kontra l-konvenuti sabiex tirrivendika minn ghandhom il-proprjeta' tal-mandretta. Is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nghatat fis-**26 ta' April, 2013[15]** u t-talbiet tas-socjeta'

---

[10] 30/1997
[11] A fol 17 tal-process
[12] Inib. 121/1999, A fol. 362 tal-process
[13] A fol. 85 tal-process
[14] 32/2008
[15] A fol 30 tal-process

attrici gew akkolti b'dan illi il-Qorti ddikjarat li s-socjeta' attrici hija l-proprjetarja ta' l-erba' kejliet raba'. Il-konvenuti appellaw u l-Appell gie deciz fis-**26 ta' Jannar, 2018**[16] billi s-sentenza tal-Prim'Istanza giet ikkonfermata fl-intier taghha.

Fid-dawl tat-talbiet impustati mis-socjeta' attrici u fl-isfond tal-passagg gudizzjarju illi l-partijiet ikkumbattew kontra xulxin ghal ben hdax–il sena ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-vertenza odjerna tippernja ruha fuq jekk il-konvenuti Cordina li jargumentaw li kienu qed jezercitaw id-dritt taghhom fuq il-mandretta li huma kienu jippretendu li kienet tappartjeni lilhom, ghamlux hekk skont ir-rigorozita' legali rikjesta li tpoggi lill-kontroparti f'posizzjoni li tkun tista' verament tiddefendi l-interessi taghha skont il-Ligi, u mhux tigi raggirata b'xi abbuz procedurali li ma jippermettix din il-possibilita'.

Hekk kif sewwa sew stabbilit diga' mill-qrati taghna:

*"Il-prova tat-temerarjeta' tal-pretensjoni tal-konvenut fil-kawza l-ohra kienet tinkombi fuq l-attur, u biex tirnexxi t-talba tieghu ghad-danni minhabba dik ir-raguni hu htieglu jipprova li l-konvenut agixxa in mala fede. Hekk, kif jinzel minn gurisprudenza konkordi, filwaqt li ammess illi "è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni" dan huwa hekk koncess "nella sola ipotesi quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza" ("Negte. Carmelo Delia -vs- Giovanni Xuereb", Appell Civili, 9 ta' Mejju, 1932). Gja infatti nghad qabel din illi "colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza*

[16] A fol 40 tal-process

*a soffrire anche si vi rimane soccombente" ("Barbara -vs- Fleri proprio et nomine", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Frar, 1931, konfermata in sede Appell fis-7 ta' Dicembru, 1931);*

*Qaghda konsimili ghal din tas-sentenzi accennati kienet diga prevalenti fil-kazijiet domandanti ddanni minn min ikun kwerelat jew denuncjat b'reat kriminali, u fejn id-decizjoni tkun iddeterminat li dan listess reat ma jissussistix. Ukoll hawn kien ritenut illi ghas-success ta' l-azzjoni ghar-rizarciment ried jinstab illi l-kwerela jew id-denuncja saret "con dolo o almeno colpa aquiliana". Ara "Reynaud -vs- Zammit", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Dicembru, 1869, "Terreni -vs- Rapinett", Appell Civili, 2 ta' Jannar, 1874 u "Barbara -vs- Cordina", Appell Civili, 17 ta' Frar, 1928, fost hafna ohrajn;"* [17]

Hu provvdut mill-Artikolu 1030 Kodici Civili illi "kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu".

Mill-fatti jirrizulta li il-konvenuti ntavolaw il-kawza ta' spoll, liema kawza giet deciza favur taghhom u dana anke wara l-appell li ghamlet is-socjeta' attrici. Kien wara dan l-Appell li c-cwievet ghaddew ghand il-konvenuti. Dan ifisser illi fil-kawza ta' spoll, li hija kawza possessorja, il-Qorti tat ragun lill-konvenuti. Wara din il-kawza mbaghad is-socjeta' attrici pprocediet b'kawza ohra kontra l-konvenuti sabiex tigi dikjarata hi s-sid tal-proprjeta'. Kien wara li ntrebhet din il-kawza li c-cwievet ghaddew lura ghand is-socjeta' attrici. Pero' ghandu jinghad illi gie sostanzjalment ritenut, b'rijaffermazzjoni tal-gurisprudenza prevalenti fuq esposta, illi "*dan ma jfissirx li kull min jitlef kawza ghandu wkoll jirrispondi ghad-danni ghax min*

[17] Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala, Appell, deciz 11 ta' Gunju, 2010.0

*jezercita dritt tieghu mhux responsabbli ghad-danni li jistghu jigru, sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccjuza"*[18]

Dan il-hsieb gie mistharreg sew mill-Qorti Civili, Prim' Awla, fid-decizjoni **Jane Spiteri –vs Nicholas Camilleri** per Imhallef Joseph Said Pullicino[19], fejn intqal li l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament illi sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. Barra minn hekk jekk ma jirrizultax li l-parti tkun hatja ta' ghemil vessatorju allura ma jistax ikun misjub responsabbli ghad-danni li tista' ssofri l-parti l-ohra. Dan qed jinghad ghax huwa responsabbli ghad-danni kull min "*agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore..*[20]", elementi li din il-Qorti ma riskontrathomx. Fil-kaz odjern il-proceduri li gew ipprovokati mill-konvenuti kellhom ezitu pozittiv ghall-konvenuti – il-kawza ta' spoll inqatghet favur taghhom anke fl-istadju ta' l-Appell u t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ntlaqghet ukoll. Is-socjeta attrici targumenta illi minn dakinhar illi hija kellha taghti c-cwievet lill-konvenuti bdiet titlef il-flus u tissubixxi danni. Dan jista' jkun il-kaz, pero' jrid jinghad illi c-cwievet kienet ordnata tghaddihom lill-konvenuti wara l-gudizzju tal-Qorti. Issa huwa minnu wkoll li l-fatt li l-konvenuti kellhom ic-cwievet tal-fond f'idhom u allura kellhom il-liberta' li jaccedu fil-fond x'hin u meta jridu minnu nnifsu seta' ikkontribwixxa ghal tnaqqir fil-liberta fl-uzu tal-fond da parti tas-socjeta attrici, madankollu huwa fatt ukoll li l-kawza ta' spoll giet deciza favur il-konvenuti. Il-Qorti fliet sewwa s-sentenza ta' l-Appell tat-13 ta' April, 2007 bejn il-partijiet[21] u f'dik is-sentenza riskontrat referenza ghax-xhieda moghtija minn Francis Zammit li xehed fl-istess kawza. Dan Zammit xehed illi jiftakar li l-access ghall-mandra in kwestjoni kien minn fuq il-proprjeta' tas-sidien precedenti ghas-socjeta' attrici. Interessanti l-osservazzjoni illi ghamel u cioe' li missieru ghalkemm kien gie offrut li jixtri

[18] Andrea Farrugia vs Guiseppe Sammut, Appell Civili, 8 ta' Novembru, 1954.
[19] 10 ta' Jannar, 1992
[20] Baudry-Lacentinerie – Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obbligazioni, Vol VI, Pg. 560
[21] L-Appell intavolat mis-socjeta attrici

l-mandretta kien irrifjuta ghax ma riedx inkwiet billi l-access ghaliha kien minn fuq proprjeta' ta' haddiehor. Din ix-xhieda hija ferm interessanti ghax titfa' dawl fuq il-fatt li meta s-socjeta attrici xtrat il-proprjeta' in kwestjoni kienet qed tassumi r-riskju li jgorr mieghu meta jkollok terzi li jippretendu dritt ta access minn fuq il-proprjeta' akkwistata. Fil-kaz odjern dak illi kien beza minnu missier ix-xhud Zammt effettivament sehh. Il-Qorti tat ragun lill- konvenuti fil-kawza ta' spoll. Irid jinghad pero' li l-mod ta' kif agixxiet is-socjeta' attrici ghad-decizjoni tal-Qorti billi holqot passagg li jghaddi minn fuq il-proprjeta', hija unikament responsabbli ghaliha l-istess socjeta.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici targumenta illi l-konvenuti nsistew illi sabiex jaccedu ghall-erba' kejliet raba huma riedu bilfors jghaddu minn gol-proprjeta' tas-socjeta' attrici. Ghaldarb'ohra din il-Qorti ttenni li kienet il-Qorti stess li fil-kawza ta' spoll ordnat lis-socjeta' attrici sabiex taghti c-cwievet tal-*farmhouse* lill-konvenuti. Huwa minnu wkoll li l-attrici mbaghad fethet kawza fil-petitorju sabiex tigi dikjarata s-sid ta' l-erba' kejliet. Din il-kawza hadet ghaxar snin biex inqatghet inkluz l-Appell. Din il-Qorti ma ravvizat ebda xkiel jew hela ta' hin da parti tal-konvenuti jew xi agir iehor li jista' b'xi mod jigi nterpretat li kien intiz li jfixkel l-andament tal-kawza b'detriment ghall-attrici. Barra minn hekk il-provi migjuba mis-socjeta' attrici jikkonfermaw illi hija ma kinitx qed taghmel uzu mill-fond in kwestjoni izda mill-banda l-ohra ma jippruvawx "*che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza*"[22].

Argument iehor sollevat mill-attrici huwa li l-konvenuti setghu facilment anke wara li rebhu l-kawza ta' spoll u bic-cwievet f'idejhom, isibu alternattiva ohra minn fejn jghaddu u b'hekk ma kienux itellfu lill-attrici fit-tgawdija tal-proprjeta' taghha. Minghajr ma din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-kawza ta' spoll gia deciza, fid-dawl li l-lanjanza ta' l-atturi f'dik il-kawza,

[22] Delia vs Xuereb, App. Civ. 9 ta' Mejju, 1932, sopra citat

illum konvenuti fil-kawza odjerna kienet illi *"f'xi zmien wara l-15 ta' Dicembru 1996, jew xi gurnata ohra qrib dik id-data l-konvenuti jew xi hadd inkarigat minnhom, imbarra din l-ewwel entrata b'katnazz; u b'hekk impedew l-access da parti ta' l-atturi ghar-raba taghhom.*[23]" , dan l-argument ma jregix.

Rigward il-mandat ta' inibizzjoni dan ma kienx jolqot lill-*farmhouse* in kwestjoni izda kien limitat ghallmandretta. Il-Qorti wara li fliet sew dak illi ntqal minn Ted Mizzi in rapprezentanza tas-socjeta' attrici jidrilha illi huwa "*sew car illi minn ebda prova u minn ebda xhieda ma jirrizulta illi l-attur irnexxielu jwassal lil din il-Qorti ghal dak il-konvinciment, imqar minimu, illi l-hrug tal-Mandat ta' inibizzjoni kien dovut ghall-abbuz jew ghall-vessatorjeta` ossija ghal "dolo" jew "negligenza colposa", u la dan huwa hekk ma jistax ragonevolment jigi dedott illi l-pretensjoni tal-konvenut b'dak il-Mandat kienet temerarja jew kapriccjuza, avolja hu finalment issokkomba fil-gudizzju. Fl-assenza ta' din il-prova ma kienx ghall-fattispeci jimponi ruhu d-dispost ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.*[24]" Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

**Decide:**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

a) Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' l-bqija ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

---

[23] A fol 18 tal-process

[24] Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala, Appell Civili, deciz 11 ta' Gunju, 2010

b) Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ta' din il-kawza huma zewg terzi (2/3) ghas-socjeta attrici u terz (1/3) ghall-konvenuti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur